# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 795/2008/1 AF**

**Charles Grech & Co Limited (C 2473)**

**v.**

**Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi, it-tnejn f'isimhom proprio u għan-nom u in rappreżentanza ta' PBA Limited (C 38972)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta` attriċi Charles Grech & Co. Ltd ippreżentat minnha bil-procedura sommarja specjali fil-5 ta' Awwissu, 2008, li fih ingħad hekk:

> "1. Illi s-socjetà PBA Limited ghandha thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' EURO 11,934.87 liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar ta' prezz ta' xoghol mibjugh u kkonsenjat lis-socjetà

konvenuta, kif jirrizulta minn statement tas-socjetà attrici, denominat f'Liri Maltin, hawn anness bhala Dok. A.

2. Illi permezz ta' skrittura privata, hawn annessa bhala Dok. B, u datata 28 ta' Settembru 2006, il-konvenuti Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi accettaw illi personalment jiggarantixxu d-djun li s-socjetà konvenuta taghmel mas-socjetà attrici.

3. Illi ai termini tal-artikolu 115 tal-Kap. 13, kull min jiggarantixxi dejn kummercjali huwa marbut solidali mad-debitu principali.

4. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, anke ufficjalment, il-konvenuti proprio et nomine baqghu inadempjenti.

5. Illi fil-fehma tas-socjetà attrici il-konvenuti proprio et nomine m'ghandhomx eccezzjoni valida x'jaghtu kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tal-attur proprio et nomine jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Ghaldaqstant is-socjetà attrici rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti

(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(2) Tikkundanna lill-konvenuti Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi, f'isimhom proprio u ghan-nom ta' PBA Limited ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' EURO 11,934.87 liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar ta' prezz ta' xoghol mibjugh u kkonsenjat lis-socjetà konvenuta, u l-hlas ta' liema bilanc gie garantit mill-konvenuti proprio.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Jannar 2008 u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi intavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti proprio et nomine, li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Joseph John Azzopardi, ippreżentata minnu fil-5 ta' Ġunju, 2009, li permezz tagħha ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet, wara li ġie awtorizzat iressaq risposta għat-talbiet attriċi:

> "In linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti l-esponenti jeccepixxi n-nullita` tar-rikors guramentat promotur ai termini tal-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permess mill-ligi."

3. Rat li permezz ta' sentenza preliminari tat-28 ta' Ġunju 2013 din il-Qorti kkonfermat deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Joseph John Azzopardi dwar in-nullita` tar-rikors promotur *ai termini* tal-Artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru, 2016, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fil-mertu, fis-sens li ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Joseph John Azzopardi u laqgħet it-tieni talba attriċi. Għalhekk ikkundannat lill-konvenuti Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi, f'isimhom *proprio* u għan-nom ta' PBA Limited iħallsu lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €11,934.87 rappreżentanti bilanċ minn somma akbar ta' prezz ta' xogħol mibjugħ u kkonsenjat lis-soċjeta` konvenuta, u l-ħlas ta' liema bilanċ ġie garantit mill-konvenuti *proprio*, bl-imgħaxijiet kif mitluba. Bl-ispejjeż, kif mitluba fir-rikors promotur jitħallsu wkoll mill-istess konvenuti.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "illi s-soċjeta` rikorrenti qed issostni li s-soċjeta` intimata hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' €11,934.87, bilanċ minn somma akbar rappreżentanti prezz ta' xogħol mibjugħ u kkonsenjat lill-istess soċjeta` intimata[1]. L-istess soċjeta` rikorrenti intavolat din il-kawża ukoll kontra Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi personalment abbażi ta' skrittura[2] li permezz tagħha l-istess Petroni u Azzopardi iggarantixxu d-djun li s-soċjeta` intimata tagħmel mas-soċjeta` rikorrenti.
>
> Is-socjetà rikorrenti ressqet ix-xhieda ta' Deandra Zammit li fl-affidavit tagħha[3] spjegat li hija *credit control executive* fi ħdan is-soċjeta` rikorrenti, liema soċjeta` tbiegħ spirti, imbejjed u tabakk. "*Is-soċjeta` PBA Ltd C38972 kienet xtrat mingħandna diversi prodotti u nikkonferma li għad fadal bilanċ mhux imħallas ta' €11,934.87.*" Hija esebiet erbatax-il invoice[4] li juru l-bejgħ li sar lis-soċjeta` intimata. Għamlet riferenza għall-credit agreement datat 28 ta' Settembru 2006 iffirmat mill-intimati Petroni u Azzopardi fejn huma aċċettaw li jkunu personalment responsabbli għad-dejn li s-soċjeta` intimata tagħmel mas-soċjeta` rikorrenti.
>
> Kontro-eżaminata[5] qalet li ilha fil-kariga ta' credit controller mis-sena 2008 u semmiet li kien hemm ċertu Peter Bonello inkarigat. "*Għandi ngħid illi effettivament ix-xogħol li kont nagħmel jien kien ikun jaf bih is-Sur Peter Bonello fuq l-istess karigi u għalhekk ma kellu l-ebda handover*." Dwar is-soċjeta` intimata, xehdet li kienu jiħħendiljaw il-każ flimkien.
>
> Steward Farrugia imbaghad fix-xiehda tiegħu[6] spjega li huwa *financial controller* mad-ditta rikorrenti mis-sena 2009. Spjega li Peter Bonello, li kien jokkupa tali kariga, kien inkarigat mill-krediti li kienu jingħataw fis-sena 2006. Qal li fil-fatt il-konsenji kienu saru fis-sena 2006, u kien fis-sena 2007 li bdew id-diskussjonijiet dwar il-pagamenti u għalhekk kien is-sur Bonello li fil-fatt kien beda' d-diskussjonijiet. Spjega li meta Bonello kien għaddhielu x-xogħol kien semmielu numru ta' ditti jew individwi li kellhom iħallsu lis-soċjeta` rikorrenti u l-każ in kwistjoni kien wieħed minnhom. Qal li meta raw li ma setgħux jitħallsu għaddew il-każ lill-avukat Kris Borg.

[1] Dok A – Statement datat 19.11.2007
[2] Dok B – fol 6
[3] Affidavit ta' Deandra Zammit, datat 25.03.2011, fol 147
[4] Dok DZ1 sa DZ14, fol 148-161
[5] Kontro-eżami ta' Deandra Zammit tal-25.10.2011, fol 167
[6] Xiehda ta' Steward Farrugia tal-25.10.2011

Huwa għamel riferenza għad-dokument Dok C[7] li ġie esebit mid-difensur tas-soċjeta` rikorrenti dak in-nhar stess. Spjega li dan id-dokument huwa "*acceptance letter*" datata 4 ta' Ottubru 2006 tal-"*credit application form*". Tali ittra jidher li intbagħtet mis-soċjeta` rikorrenti (u ffirmata minn Peter Bonello) lid-diretturi tas-soċjeta` intimata fejn dawn ġew infurmati li:

> "*Charles Grech & Co Ltd has authorized the following credit facility subject to full understanding and agreement of the Terms and conditions of Sale stipulated in our credit application form, which will apply to all invoices, unless otherwise stated on the relevant invoice*."

Il-*credit limit* ġie indikat bħala "*Lm500*" u l-ħlas kellu jsir fi żmien "*30 days after the end of the month*". Ġie aċċennat ukoll hekk:

> "*We must stress that if the credit limit OR the credit period shown above are exceeded OR if cheques are unpaid, deliveries will be suspended and all othe other terms and conditions of our credit application will apply*."

Id-diretturi tas-soċjeta` intimata ġew mitluba jiffirmaw kopja ta' tali ittra u jibatuha lura. Fil-fatt hekk jidher li sar peress li fuq in-naħa t'isfel tad-dokument jidhru l-firem ta' Karl Vella Petroni, John J Azzopardi u Etienne Bartolo.

Ivan Camilleri fix-xiehda tiegħu[8] qal li ilu jaħdem mal-MFSA u għandu l-kariga ta' manager fil-Unit Registry of Companies. Spjega li fir-rigward tas-soċjeta` intimata jirriżulta mill-Memorandum li bħala diretturi kienu tlieta: Karl Vella Petroni, John J Azzopardi u Etienne Bartolo. Żied jgħid li Joseph John Azzopardi irriżenja mill-kariga ta' direttur fit-13 ta' Lulju 2007.

Peter Bonello fix-xiehda tiegħu[9] ikkonferma li kien jaħdem mas-soċjeta` rikorrenti bejn l-1978 u l-2009 bħala *financial controller*. Fir-rigward tas-soċjeta` intimata spjega din kellha bilanċ ta' flus xi tħallas lis-soċjeta` rikorrenti u ladarba ma kinitx qegħda tħallas kellhom jieħdu passi legali. "*Inżid ngħid li dak iż-żmien il-policy kienet biex aħna nagħtu on credit, bilfors ikunu jridu d-diretturi jidħlu responsabbli personalment ukoll biex jiggarantixxu l-ammont li jkun involut*." Spjega wkoll li darba minnhom kien avviċinah Dr Ghaznavi u kien talbu li jekk kellhom jiftħu kawża jiftħuha kontra s-soċjeta` PBA Ltd u l-persuna l-oħra (Karl Vella Petroni) u mhux ukoll kontra Joseph John Azzopardi, in vista tal-fatt li dan kien ser jiċċaqlaq jew kien iċċaċlaq mill-pożizzjoni ta' direttur tal-kumpanija.

---

[7] Dok C, Credit Application, fol 174

[8] Xiehda ta' Ivan Camilleri tal-25.10.2011, fol 171

[9] Xiehda ta' Peter Bonello, tal-20.03.2012, fol 228-229

Huwa spjega li meta ġiet istitwita l-kawża kien għadu fil-kariga mas-soċjeta` rikorrenti u l-istruzzjonijiet li kellu kienu li l-kawża tiġi intavolata kemm kontra s-soċjeta` intimata kif ukoll kontra d-diretturi.

Is-soċjeta` rikorrenti Charles Grech & Co Ltd fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha[10] taċċenna għall-fatt li mix-xiehda ta' Steward Farrugia u Peter Bonello, flimkien ma' eżami akkurat tad-Dok A (l-istatement) u d-Dok B (l-iskrittura privata –credit agreement - senjatament il-klawsoli 5 u 6) – li t-tnejn ġew ikkonfermati bil-ġurament, għandu jirriżulta li s-soċjeta` intimata hija effettivament debitriċi tagħha fl-ammont ta' €11,934.87, u li l-intimati Azzopardi u Vella Petroni, daħlu bħala "guarantors" biex jagħmlu tajjeb għad-dejn.

L-intimat Joseph John Azzopardi fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu[11] isostni li t-talbiet attriċi huma infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment. Huwa jaċċenna għall-fatt li fit-13 ta' Lulju 2007 irriżenja minn direttur u għalhekk, skont hu, ladarba ma baqax direttur, daqstant ieħor ma baqax garanti personalment tal-istess soċjeta` fid-data meta ġiet intavolata l-kawża odjerna (fil-5 ta' Lulju 2008). Fi kwalunkwe każ, ikompli jargumenta, li se mai qua garanti huwa passibbli biss sal-ammont ta' Lm500 (ekwivalenti għal €1,164.69). Dana jgħidu in vista tal-fatt li minkejja li kien inqabeż il-credit limit ta' Lm500 konċess mis-soċjeta` rikorrenti hija baqgħet tissupplixxi l-materjal lis-soċjeta` intimata nonostante li skont l-ittra tal-4 ta' Ottubru 2006 is-soċjeta` rikorrenti il-fornitura tal-materjal kellha titwaqqaf f'tali każ. Isostni għalhekk li l-fatt li kompliet tforni l-materjal kien a riskju tagħha għax ma kienx kopert mill-garanzija.

Fl-isfond ta' dan kollu din il-qorti tosserva fl-ewwel lok li mhux ikkontestat li s-soċjeta` rikorrenti fil-fatt forniet lis-soċjeta` intimata materjal tal-valur ta' €11,934.87.

Dwar l-argument tal-intimat Joseph John Azzopardi illi ladarba irriżenja minn direttur allura ma baqax aktar garanti personalment għad-djun tas-soċjeta` intimata, din il-qorti ma tqis li għandu raġun. Fl-ewwel lok din il-kawża tirrigwarda flus dovuti fir-rigward ta' fornituri ta' materjal għall-perjodu bejn it-18 ta' Ottubru 2006 sat-8 ta' Frar 2007, meta l-intimat kien għadu direttur (għaliex fil-fatt irriżenja fit-13 ta' Lulju 2007). Fit-tieni lok il-klawsola 5 tal-credit agreement tagħmilha ċara li l-garanzija personali tibqa' tissussisti anke jekk dak li jkun ma jibqax direttur:

> "*In the absence of any other agreement, this personal liability will subsist even if the private company is liquidated, wound-up, amalgamated with another company or converted, and notwithstanding any change in the names of the Director/s and/or Shareholder/s after the signing of this agreement and/or in the running of the business*."

[10] Nota tas-sottomissjonijiet tas-soċjeta` rikorrenti, datata 23.04.2012, fol 231-233

[11] Nota tas-sottomissjonijiet tal-intimat Joseph John Azzopardi, datata 09.07.2012, fol 237-242

Dwar l-argument l-ieħor tal-intimat Joseph John Azzopardi illi se mai huwa passibbli bħala garanti biss fl-ammont ta' Lm500 (ekwivalenti għal €1,164.69), din il-qorti lanqas hawn ma tara li għandu raġun. Meta huwa ffirma id-dokument fejn aċċetta li jiggarantixxi personalment id-djun tas-soċjeta` intimata dan għamlu fid-29 ta' Settembru 2006. Dan id-dokument is-soċjeta` rikorrenti qisitu bħala "*credit application*" u kien ħamest ijiem wara, u cioè fl-4 ta' Ottubru 2006 li hija informat lid-diretturi tas-soċjeta` intimata li kienet qegħda taċċetta li tagħtiha "*credit facility*". Kien f'tali ittra imbagħad li għarrfithom li l-"*credit limit*" kien ta' Lm500 u li jekk dan jinqabeż "*deliveries will be suspended*".

Fil-fehma ta' din il-qorti ma hemmx limitu fuq l-ammont ta' kreditu li l-intimati iggarantixxu permezz tal-iskrittura a fol 6. Huma bl-ebda mod ma llimitaw il-garanzija personali tagħhom għall-"*credit limit*" u fil-fatt meta ffirmaw l-iskrittura kien għadu lanqas biss ġie stabbilit "*credit limit*". L-iskrittura tagħmiliha ċara li huma:

> "…shall be personally liable, in solidum with the private company, for the payment of <u>all overdue payments</u> and with interest due to the company under this agreement."

"Għalkemm is-soċjeta` rikorrenti kompliet tforni l-materjal, minkejja li kien inqabeż il-"*credit limit*", il-materjal baqa' jiġi aċċettat, u fil-fehma ta' din il-qorti kull pagament "*overdue*" dovut fir-rigward kien ukoll garantit personalment da parti tad-diretturi abbażi tal-iskrittura (a fol 6) li ffirmaw."

6. Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph John Azzopardi, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tiċħad it-talba attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata.

7. Rat li minkejja li s-soċjeta` attriċi appellata ġiet notifikata bir-rikors tal-appell, hija ma ressqet l-ebda risposta.

8. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

10. Illi dan il-każ jitratta talba da parti tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lis-soċjeta` konvenuta PBA Limited. Iż-żewġ konvenuti l-oħra ntalbu li jwieġbu għat-talbiet attriċi bħala garanti li aċċettaw li jiggarantixxu personalment id-dejn tas-soċjeta` konvenuta. Kwindi s-soċjeta` attriċi talbet li ġaladarba d-dejn huwa wieħed ċert, likwidu u dovut, il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ u li l-konvenuti Vella Petroni u Azzopardi f'isimhom proprju u għan-nom tas-soċjeta` konvenuta jiġu kkundannati jħallsu lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €11,934.87.

11. Filwaqt li l-konvenuti Vella Petroni u s-soċjeta` PBA Limited baqgħu kontumaċi, il-konvenut Azzopardi ngħata ċ-ċans li jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu. L-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullita` tar-rikors promotur *ai termini* tal-Artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet deċiża finalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti datata 28 ta' Ġunju, 2013, li biha kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Joseph John Azzopardi ġiet miċħuda.

12. Permezz tas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Ottubru, 2016, l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża fil-mertu billi ċaħdet ukoll it-tieni eċċezzjoni ta' Azzopardi u kkundannat lill-konvenuti kollha jħallsu lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €11,934.87, bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kif mitluba.

13. Il-konvenut Azzopardi ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tiegħu jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali: (i) limitazzjoni bħala garanti; u (ii) l-ammont kif mitlub mis-soċjeta` attriċi ma jistax ikun dovut kollu fl-intier tiegħu fid-dawl ta' pagament akkont li sar fil-mori tal-proċeduri.

14. Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant Azzopardi jisħaq li jekk fil-każ in eżami, huwa jista' jiġi mħarrek sabiex jagħmel tajjeb fil-kwalità tiegħu ta' garanti, huwa jista' jiġi hekk imħarrek limitatament sal-ammont illi għalih sar il-ftehim li fih huwa assuma l-obbligu, u daqshekk ieħor ġie aċċettat li jservi bħala garanti. Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti ma fehmitx is-sekwenza ta' żewġ dokumenti u r-rabta li hemm bejniethom, senjatament id-dokumenti konsistenti fi *"credit agreement"* datat 28 ta' Settembru, 2006 (esebit a fol. 6 tal-proċess) u l-*"acceptance letter"* datata 4 ta' Ottubru, 2006 (esebita a fol. 174 tal-proċess). Isostni li dawn iż-żewġ dokumenti jridu jinqraw flimkien u mhux separatament, peress li dawn jammontaw għall-ftehim milħuq bejn il-partijiet. Jagħmel referenza għax-xhieda ta' Steward Farrugia, fejn isejjaħ l-ewwel dokument bħala

*"credit application form",* peress li effettivament id-dokument jikkostitwixxi talba sabiex is-soċjeta` attriċi appellata tikkonċedi limitu ta' kreditu ta' merkanzija, kif ukoll żmien li fih l-istess kreditu jkollu jitħallas (klawsola 1 fl-imsemmi dokument). Jisħaq li minkejja li dan id-dokument jissejjaħ *"credit agreement",* mhuwiex ftehim, peress li ma jlaqqax il-kunsens ta' żewġ partijiet. Inoltre, l-appellant isostni li huwa prinċipju bażilari tal-istitut tal-garanzija (skont l-Artikolu 1927 tal-Kodiċi Ċivili) li l-kreditu li għalih jista' jkun espost il-garanti, ma jista' qatt jeċċedi dak li għalih ikun espost id-debitur prinċipali. Kwindi b'referenza għat-tieni dokument, li għandu mhux biss il-firma tal-garanti, iżda saħansitra dak mir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi appellata, jikkristalizza l-ftehim. Skont dan l-istess dokument jirriżulta ċar li l-*"credit limit"* huwa ta' Lm500. Kwindi l-appellant jikkontendi li fin-nuqqas tal-*"credit application form"* li tindika l-ammont ta' limitu ta' kreditu jew perjodu li fih għandu jitħallas, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li l-garanti kienu esposti biss sal-ammont indikat fil-ftehim, ċioe` dak ta' Lm500. Wara kollox jikkontendi li l-garanti kellu serħan il-moħħ li f'każ li l-limitu ta' kreditu ta' Lm500 jinqabeż, is-soċjeta` attriċi appellata kienet ser twaqqaf il-konsenji tal-merkanzija, kif jipprovdi l-istess ftehim. Kwindi jikkritika lill-ewwel Qorti għan-nuqqas tagħha li torbot dawn iż-żewġ dokumenti flimkien. Għalkemm l-ewwel Qorti aċċennat għall-fatt li l-konvenuti għandhom iwieġbu personalment u solidalment mas-soċjeta` konvenuta għall-ħlas tal-ammonti kollha dovuti minnha, flimkien mal-interessi skont il-ftehim, jisħaq li dan il-kliem ma

kellux jittieħed fl-astratt waħdu, iżda fil-kuntest tal-ftehim sħiħ bejn il-partijiet kif konkluż.

15. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant. Għalkemm huwa minnu li garanzija ma tistax tingħata għal iżjed minn dak li jkollu jagħti d-debitur u li ma tistax issir taħt kundizzjonijiet iżjed gravużi u tiswa biss sa daqs kemm tkun l-obbligazzjoni prinċipali (Artikolu 1927 (1) u (3) tal-Kodiċi Ċivili), iżda l-liġi tipprovdi wkoll li garanzija tista' tingħata għal biċċa biss mid-dejn u taħt kondizzjonijiet anqas gravużi (Artikolu 1927(2) tal-Kodiċi Ċivili). Jibda billi jiġi osservat li l-liġi trid li l-kuntratt li bih wieħed jidħol garanti għandu jsir bil-miktub, inkella ma jkunx jgħodd (ara Artikolu 1233(1)(ċ) tal-Kodiċi Ċivili). F'dan il-każ, il-konvenut appellant Azzopardi flimkien mal-konvenut l-ieħor Karl Vella Petroni ma tax garanzija sempliċi iżda waħda *in solidum.* Saħansitra, skont il-klawsola 6 ta' dak li jissejjaħ bħala *credit agreement,* dawn ikkostitwew ruħhom bħala *joint and several debtors.* Il-konsegwenza ta' dan hija li l-konvenuti Azzopardi u Vella Petroni, tpoġġew fl-istess pożizzjoni bħal dik tad-debitur prinċipali (f'dan il-każ is-soċjeta` konvenuta PBA Limited, li tagħha huma kienu diretturi).

16. Għalkemm din il-Qorti tasal biex tifhem lill-konvenut appellant sa fejn jingħad minnu li l-ewwel dokument li bih intrabat li jagħti l-garanzija ma jistax jitqies in iżolament u li jrid jiġi kkunsidrat mat-tieni dokument

maħruġ mis-soċjeta` attriċi appellata, huwa mill-aktar inkongruwu l-argument tal-konvenut appellant Azzopardi li jittanta jgħid li b'referenza għat-tieni dokument esebit a fol. 174 tal-proċess, li l-massimu li jista' jkun espost għalih bħala garanti huwa l-ammont ta' Lm500, li kien il-limitu tal-kreditu li ngħatat is-soċjeta` konvenuta PBA Limited. Dan meta mill-provi in atti ma jirriżultax li hemm xi kontestazzjoni da parti tal-konvenuti, la s-soċjeta` konvenuta bħala debitur prinċipali u lanqas il-konvenuti l-oħra bħala garanti solidali, dwar il-kontijiet innifishom (ħlief għal dak li ġie sollevat fl-istadju tal-appell u li ser jiġi trattat fit-tieni aggravju).

17. Inoltre minkejja li din il-Qorti fliet id-dokument li bih jingħata l-*credit limit* (a fol. 174) dan id-dokument jitqies li huwa wieħed tipiku li bih jaħdmu n-negozji kummerċjali, fejn għalkemm il-kreditur li jkun qiegħed iforni l-merkanzija jew servizzi, jagħti limitu ta' kreditu u żmien li fih għandu jitħallas l-ammont dovut, is-soċjeta` kreditriċi tirriserva wkoll id-dritt li tissospendi konsenji ulterjuri, jekk kemm-il darba jinqabeż tali limitu. Iżda dan id-dokument ma seta' qatt jitqies bħala xi forma ta' limitazzjoni fuq id-dejn innifsu jew fuq il-garanzija *per se.* Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, l-ittra tal-4 ta' Ottubru, 2006, li fuqha jsejjes l-argument tiegħu l-konvenut appellant proprju tippremetti: "***Charles Grech & Co Ltd has authorized the following credit facility <u>subject to full understanding and agreement of the Terms and conditions of Sale stipulated in our credit application form, which will apply to all invoices</u>***, *unless*

*otherwise stated on the relevant invoice*." Inoltre, apparti li fl-istess dokument issir referenza għall-possibilita` li jinqabeż tali limitu, jingħad b'enfasi: *"**if the credit limit OR the credit period shown above are exceeded OR if cheques are unpaid, deliveries will be suspended and <u>all other terms and conditions of our credit application will apply</u>.**"* Kwindi din l-ittra hija suġġetta għall-kundizzjonijiet fl-ewwel dokument maħruġ fit-28 ta' Settembru, 2006, fejn il-garanti ntrabtu solidalment li jagħmlu tajjeb għall-ħlas ta' *overdue payments and interests due to the Company under this agreement*. Fit-tieni lok, meta wieħed jara ż-żewġ dokumenti f'daqqa, jirriżulta li s-sospensjoni tal-konsenji ta' merkanzija hija pjuttost materja li titħalla fid-diskrezzjoni tas-soċjeta` attriċi appellata, kif inhu pjuttost tipiku f'kuntratti simili.

18. Fil-fatt, mix-xhieda ta' Peter Bonello, li kien *Financial Controller* tas-soċjeta` attriċi jirriżulta li "*dak iż-żmien il-policy kienet biex nagħtu on credit bilfors ikunu jridu d-Diretturi jidħlu responsabbli personalment ukoll biex jiggarantixxu l-ammont li jkun involut.*" Minn din ix-xhieda jirriżulta ċar li l-politika tas-soċjeta` attriċi kienet fis-sens li qabel biss tikkonsidra applikazzjoni ta' kreditu da parti tal-klijenti, fejn il-klijent tkun soċjeta` kummerċjali, riedet garanzija bil-miktub li jekk hija tonqos milli tħallas l-ammont dovut bħala d-debitur prinċipali, kellhom jagħmlu tajjeb għad-djun tagħha, id-Diretturi bħala garanti u dan bħala proċedura normali. Kwindi jekk kemm-il darba, il-konvenut appellant Azzopardi ried li jillimita

l-ammont ta' garanzija li għalih seta' jkun espost huwa kellu jindika dan fl-ewwel dokument ffirmat minnu li bih intrabat bħala debitur solidali mas-soċjeta` konvenuta PBA Limited. Ġaladarba l-iskrittura li biha l-konvenut appellant intrabat bħala garanti solidali, ma fiha l-ebda limitazzjoni, fis-sens maħsub fil-liġi kif imsemmi qabel fl-Artikolu 1927(2) tal-Kodiċi Ċivili, mhux leċitu li issa huwa jittanta li jagħti tifsira differenti minn dak li jfisser il-kliem fl-istess skrittura. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kliem tad-dokumenti in eżami huma ċari u din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti liż-żewġ dokumenti, minkejja li kkunsidrat iż-żewġ dokumenti f'daqqa, fl-isfond tal-ftehim ta' negozju bejn il-kontendenti fil-kawża.

19. Tajjeb li jingħad ukoll li, l-fatt li l-iskrittura esebita a fol. 6 tal-proċess, ġiet ffirmata biss mill-konvenuti Azzopardi u Vella Petroni li assumew l-obbligazzjoni tal-garanzija *in solidum* ma tnaqqas xejn mill-validita` tal-istess skrittura. Kif ingħad diversi drabi mill-Qrati tagħna, il-firma tal-parti li favur tagħha tkun saret il-garanzija m'hijiex meħtieġa għall-validita` tal-istess skrittura jekk dik il-parti ma tkunx assumiet ebda obbligu fl-imsemmija skrittura (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali tas-17 ta' Ġunju, 1991, fil-kawża fl-ismijiet **Oreste Brincat noe v. Perit Arkitett Carmelo Falzon et pro et noe** u dik tal-**Qorti tal-Kummerċ** tal-11 ta' Diċembru, 1985 Kollez. Vol.LXIX.IV.558, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph M. Formosa noe v. Carol Peralta noe et**).

Kwindi l-fatt li s-soċjeta` attriċi appellata ma ffirmatx din l-iskrittura, ma jnaqqas xejn mill-validita` tagħha li biha ġiet kostitwita l-garanzija solidali. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant fl-aspetti kollha tiegħu ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

20. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak dwar il-pagament akkont li sar fil-mori tal-proċeduri, fejn il-konvenut appellant Azzopardi jikkontendi li l-ammont indikat bħala sorte għandu jitnaqqas għas-somma ta' €7,934.90, skont kif indikat fir-rendikont anness mar-rikors tal-appell, datat 30 ta' Awwissu, 2016. Jilmenta li minkejja li fil-kolonna ndikata bħala "*Credit*" ma jirriżultax li sar xi pagament, mill-ewwel partita fl-istess dokument jirriżulta li sar tnaqqis mill-ammont oriġinarjament dovut sabiex issa jirriżulta li fadal bilanċ ta' €3.17. Jisħaq li kien jispetta lis-soċjeta` attriċi appellata li tagħmel nota ta' riduzzjoni, sabiex tirrifletti t-transazzjonijiet li saru fil-mori tal-proċeduri, altrimenti jkun hemm arrikkiment indebitu a skapitu tad-debituri, fosthom l-istess appellant.

21. Fil-verita`, minn ħarsa lejn ir-rendikont anness mar-rikors tal-appell esebit bħala Dok. XX1, maħruġ mis-soċjeta` attriċi appellata fit-30 ta' Awwissu, 2016, jirriżulta li effettivament il-bilanċ hemm indikat bħala dovut mis-soċjeta` PBA Limited huwa dak ta' €7,934.90 (u mhux €11, 934.87 kif oriġinarjament mitlub permezz tar-rikors promotur). Meta wieħed iqabbel ir-rendikont anness mar-rikors promotur maħruġ mis-

soċjeta` attriċi appellata datat 19 ta' Novembru, 2007, (esebit bħala Dok. A a fol. 4 tal-proċess) ma' dak maħruġ fl-2016 (Dok. XX1 a fol. 284) jirriżulta li l-fattura l-aktar qadima li ġġib referenza 78022 għall-ammont ta' Lm1,563.66 m'għadhiex tirriżulta bħala dovuta fir-rendikont aktar reċenti. Filwaqt li l-fattura li ġġib referenza 78049 għall-ammont ta' Lm154.90, li fil-fattura tal-2016 hija mdaħħla fl-ekwivalenti ta' €360.82, jirriżulta li fadal bilanċ x'jitħallas ta' €3.17. Il-bqija tal-fatturi għalkemm indikati bil-munita ewro baqgħu kollha l-istess. Ovvjament l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċiedi b'mod differenti, ladarba din il-prova ma kenitx għad-dispożizzjoni tagħha. Iżda din il-Qorti, fuq l-iskorta ta' din il-prova in atti li nħarġet fil-mori tal-proċeduri, tqis ġust li jsir it-tnaqqis opportun altrimenti tabilħaqq ikun hemm arrikkiment indebitu għad-dannu tal-konvenuti kollha, nkluż l-appellant. Għalhekk dan l-ilment tal-konvenut appellant Azzopardi ser jiġi milqugħ. Madankollu mhux ser ikun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż, kunsidrat li l-istess dokument anness mar-rikors tal-appell, seta' jiġi esebit ukoll mill-istess konvenut appellant qabel l-ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza tagħha.

22. Jiġi rilevat li s-soċjeta` attrici tgħid illi l-€4,000 li rċeviet fil-mori tal-proċeduri ġew akkreditati lil terza persuna, pero`, ma saret ebda prova għaliex sar dan u jekk dan kienx bl-approvazzjoni tal-konvenut appellant. Hi tgħid li, għall-ewwel, naqqsithom mid-debitu ta' din l-istanza, iżda wara dawn il-flus gew "*removal of funds fr Stiletto*". Il-konvenut appellant jgħid

li hu ma kellux x'jaqsam ma' dan t-trasferiment u, għalhekk, għall-fini ta' din il-kawża, is-sitwazzjoni tal-ħlas fil-mori, ammess li sar mis-soċjeta` attriċi, tibqa' fis-sens li l-flus jitnaqqsu mill-pretensjoni attriċi ta' din il-kawża.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' limitatament l-appell tal-konvenut Joseph John Azzopardi, kif hawn qabel spjegat, tvarja s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tikkundanna lill-konvenuti Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi, f'isimhom proprju u għan-nom ta' PBA Limited *in solidum*, iħallsu lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sebat elef, disa' mija u erbgħa u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€7,934.90), rappreżentanti bilanċ minn somma akbar ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lis-soċjeta` konvenuta, bl-imgħaxijiet kif mitluba.  Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu a karigu tal-konvenuti kollha *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr